MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 907/1997/1

**Giuseppe Costanzo**

**v.**

**Laferla Insurance Agency Limited in rappresentanza ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta assikuratrici estera Crowe Motor Policies at Lloyds**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata fit-23 ta’ April, 1997 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-attur ippremetta li l-kumpanija konvenuta dahlet f’kuntratt ta’ assikurazzjoni mal-attur u dana biex tforni kopertura assikurattiva lill-istess kontra r-riskji ta’ serq tal-vettura tieghu, oltre l-kopertura obbligatorja tal-ligi; illi gara li madwar Settembru, 1996, il-vettura tieghu Skoda Forman, O-7352, insterqet meta l-istess vettura kienet parkeggjata f’Paceville, u dwar il-fatt saret id-debita denunzja mal-pulizija ta’ San Giljan; illi meta giet infurmata l-kumpanija assikuratrici dwar il-fatti li graw, u li ghalhekk avverat ruhha s-sitwazzjoni li l-kumpanija konvenuta kienet obbligata li tkopri u thallas id-dannu soffert mill-attur u dan in forza tal-kuntratt ta’ assikurazzjoni, l-istess kumpanija konvenuta naqqset li taghmel dan, u dan billi indikat bhala raguni li hu ma kienx kopert, meta fil-fatt huwa kien hallas skond il-kuntratt li kellu u kien irrinnovah minn sena ghal sena; illi l-kuntratt ta’ assikurazzjoni huwa ta’ *uberrimae bonae fidei*, u l-kumpanija konvenuta qed tonqos mill-obbligi taghha li thallas l-ammont ta’ tlett elef lira maltin (LM3,000); dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-
1. tiddikjara lill-istess kumpanija konvenuta *nomine* bhala responsabbli taht il-kuntratt tal-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur meta l-vettura tieghu “*Skoda Forman*” O-7352 insterqet f’Settembru 1996, kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assikurat lill-istess attur.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assikurazzjoni u cioe` minn Settembru, 1996. Ukoll bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-kumpanija konvenuta nomine.

B’nota ppresentata fl-14 ta’ April, 1998 s-socjeta` konvenuta eccepiet:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-vettura proprjeta` tal-attur u meritu tal-kawza odjerna ma kienitx koperta mis-socjeta` konvenuta kontra s-serq ghaliex kien l-istess attur illi kien specifikatament ordna illi tali kopertura tigi eskluza mill-polza mahruga mis-socjea` konvenuta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa eccepit illi t-talba attrici kif impostata hija insostenibbli ghaliex anke f'kaz illi tirrizulta l-kopertura allegata minnu, l-ezistenza ta' tali kopertura ma timportax l-obbligu tar-risarciment tad-danni sofferti mill-attur, kif minnu mitlub. L-obbligu gravanti s-socjeta` konvenuta f'tali kaz jkun illi thallas is-somma appozitament likwidata mill-Qorti bhala rappresentanti l-valur reali tal-vettura assikurata, sal-limitu tal-kopertura ikkontrattata (cioe` tlett elef lira (LM3,000)) u soggett ghat-tnaqqis ta' l-excess ta' mitt lira (LM100) kontemplata fil-polza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-30 ta' Mejju 2002 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talba attrici iddikjarat lill-istess kumpanija konvenuta *nomine* bhala responsabbli taht il-kuntratt tal-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur meta l-vettura tieghu "*Skoda Forman*" O-7352 insterqet f'Settembru 1996, kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur. Inoltre l-kumpanija konvenuta giet ukoll ikkundannata thallas l-ispejjes tal-kawza kif ukoll l-imghaxijiet mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assikurazzjoni u cioe` minn Settembru 1996.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2002 talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza tat-30 ta' Meju, 2002 tigi revokata billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti u tigi michuda t-talba attrici u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti in sintesi jikkoncernaw:-

a) L-apprezzament li ghamlet l-ewwel qorti tal-provi prodotti. Skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, dawn il-provi ma kelhomx iwasslu lill-ewwel qorti li tippreferi l-

verzjoni tal-fatti kif rakkontati mill-attur ghal dik tal-impjegat tas-socjeta` konvenuta.
b) L-applikazzjoni ghal kaz ta' l-Artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi, skond l-appellanti, il-kawza ma kinitx tikkoncerna l-interpretazzjoni tal-*proposal form.*

c) Il-kundanna ghall-hlas tal-imghax mid-data tal-akkadut.

**Apprezzament tal-provi u l-applikazzjoni ta' l-Art. 1002.**

Il-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti kienu kontrastanti nkwantu ma kienx hemm qbil fuq x'tip ta' kopertura kienet tipprovdi s-socjeta` konvenuta fuq il-vettura tal-attur mertu ta' din il-kawza. Filwaqt li l-attur qed isostni li huwa dejjem ried li din il-vettura tkun koperta mhux biss ghar-riskji kontra terzi persuna izda ukoll ghall-eventwalita` ta' hruq u serq, liema polza normalment hija maghrufa bhala "Third party Fire and Theft", is-socjeta` konvenuta qed tghid li fid-data tal-akkadut il-polza kienet tkopri biss "Third party damage" u dana billi, skond l-istess socjeta` assikuratrici, kien l-istess attur li talab li l-kopertura addizzjonali ghal hruq u serq tigi mnehhija biex b'hekk jiffranka fuq il-*premium.*

In realta` dan huwa apprezzament li kien jikkompeti principalment lill-ewwel qorti u, eccetto f'cirkostanzi partikolari, din il-Qorti mhux tenuta li tirrevedi jew tbiddel tali apprezzament. Issa minn qari tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel qorti waslet ghad-decizjoni taghha mhux biss fuq dak li qalu, kif erroneament issostni s-socjeta` appellanti, ix-xhud Mallia u l-attur, izda l-ewwel qorti, rinfaccjata bl-istat ta' fatt rizultanti mir-"Renewal Certificate" u cioe` li l-kopertura kellha tkun limitata ghall-Third party damage, ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi fatti cirkostanzjali u provi dokumentarji.

Din il-Qorti tosserva li polza ta' assikurazzjoni, ghal min mhux intiz fil-materja, hija kuntratt piuttost kumplikat inkwantu dan il-kuntratt, mhux biss jigbor fih numru ta'

klawsoli b'terminologija teknika, izda jikkoncerna materja legali ta' certa diffikulta`. Dan il-kuntratt infatti johloq relazzjoni specjali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat, liema relazzjoni, ghalkemm intiza biex twasslu ghal rizultat semplici, u cioe` is-serhan tal-mohh tal-assikurat, f'hafna kazi jista', minhabba l-kumplessita` tal-kuncett ta' assikurazzjoni fil-hajja ta' kuljum, jwassal ghal problemi mhux mixtieqa.

Ir-rabta bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni ghandha l-bidu taghha fil-*proposal form*. Dan id-dokument jifforma l-bazi tal-polza u l-jwassal ghall-eventwali kopertura mixtieqa. Huwa ghalhekk essenzjali li f'dan l-istadju preliminari l-assikurat prospettiv jingieb a konjizzjoni ta' dak li qed jigi offrut u li tigi determinata, bl-aktar mod car, il-kopertura li tkun mixtieqa. Generalment huwa f'dan l-istadju biss li l-assikurat jigi mitlub li jiffirma billi l-assikurat ikun mehtieg li jaghmel dikjarazzjoni dwar il-veracita` tal-fatti hemm kontenuti. Dan id-dokument, sussegwentement, jista' jservi bhala mezz ta' interpretazzjoni tar-rieda tal-kontraenti f'kull azzjoni intentata mill-assikurat jew biex tigi sostanzjata kull eccezzjoni tas-socjeta` assikuratrici meta ssir talba fuq il-polza b'rizultat ta' event dannuz. Dan, billi, ir-risposti moghtija mill-assikurat prospettiv, fil-*proposal form*, li kif ghidna hija l-bazi tal-polza assikurativa, jistghu, mhux biss jikkorroboraw dak li jkun qed jallega l-assikurat dwar l-estensjoni tal-polza, izda jistghu wkoll jservu biex jillimitaw l-obbligi tal-assikurazzjoni jew sahnasitra jwasslu ghax xoljiment tal-kuntratt. Hawn jassumi relevanza l-kuncett ta' *"utmost good faith".* Kienet ghalhekk korretta l-ewwel qorti meta tat importanza lil dan id-dokument.

Dan l-aspett tal-kwistjoni jassumi aktar importanza meta jigi kunsidrat mhux biss id-diversi kambjamenti li saru fil-polza ta' assikurazzjoni, rizultat tas-sitwazzjonijiet differenti tal-attur, izda meta jigi wkoll kunsidrat il-fatt li l-attur huwa ta' nazzjonalita` taljana b'injoranza assoluta tal-lingwa ingliza. Infatti jirrizulta li t-trattativi li sehhew sussegwenti ghall-hrug tal-polza originali inzammu bil-lingwa taljana. Din il-lingwa taljana hija maghrufa minn hafna maltin, u in effetti r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jallega li ghamel l-almu tieghu biex jispjega lill-

attur il-portata ta’ dak li kien qed jigi konvenut. Izda l-attur jispjega li l-polza “era contro il furto e l’incedio, oltre la copertura contro i rischi dei terzi, obbligatoriamente imposta dalla legge”. Inoltre l-attur ikompli jghid li “Questa poliza di assicurazione rimaneva cosi` per parecchio tempo, anno dopo anno.” B’dana kollu jidher li wara certu zmien din il-polza ta’ assikurazzjoni tbiddlet billi minn “*Third party, fire and theft”* saret tkopri biss “*Third party*” (damage). Ghal din il-bidla ma jirrizulta li saret talba *in iscritto* jew li gie iffirmat xi dokument appositu u kien biss fir-*renewal certificate* li tali bidla fir-kopertura tirrizulta. Dan l-arrangament gie michud mill-attur tant hu hekk li meta nsterqitlu l-vettura huwa mar jaghmel “*claim*” regolari mas-socjeta` assikuratrici. Ir-rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici li kellu x’jaqsam ma din il-polza jsostni li l-attur kien mar ghandu u ried li jhallas mill-anqas. Hu jghid li f’dawn ic-cirkostanzi hija prassi tal-assikurazzjoni li jahdem maghha li jrriducu l-kopertura ghall-“*third party damage*”, u hekk ghamel. B’dana kollu ma jirrizltax b’mod car li din kienet ix-xewqa tal-attur billi jidher li l-intenzjoni tieghu kienet li l-kambjament fil-polza u l-eventwali premium jirriflettu l-akkwist ta’ vettura ohra gdida nkwantu n-“*no claim bonus*” jigi akkreditat lilu vis-à-vis l-premium dovut fuq il-polza tal-karozza l-gdida. Ma jirrizultax li huwa b’xi mod ried inaqqas il-kopertura fuq l-vettura in kwistjoni kif originarjament kontempla fil-*proposal form.* Kien f’dan il-kuntest li l-ewwel qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili. F’dan ir-rigward din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura jew tbiddel fil-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel qorti, anzi taqbel perfettament maghha.

**Dwar il-kundanna ghall-imghax.**

Qed jinghad fir-rikors ta’ l-appell li l-ewwel qorti ma kien messa qatt ikkundannat lis-socjeta` konvenuta appellanti ghall-hlas tal-imghax mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assikurazzjoni u dana b’rispett lejn il-principju illi *in illikwitur (sic!) non fit mora.*

F’dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li l-aggravju huwa gustifikat. Dan ghaliex, fl-ewwl lok, it-talba attrici ma hijiex ghall-kundanna ta’ hlas ta’ xi ammont partikolari izda hija

biss talba li twassal ghal sentenza dikjaratorja u cioe` jekk il-polza in kwistjoni ghandhiex tkopri l-event dannuz imsemmi fl-istess citazzjoni. Ghalhekk proprjament ma setghux jigu akkordati imghaxijiet immaginarji fuq ammont mhux in kawza. Fit-tieni lok, anke jekk, ghal grazzja ta’ l-argument, kellu jigi akkordat risarciment fi proceduri sussegwenti ghal dawk mertu ta’ din il-kawza, l-ammont li jista’ jigi akkordat b’dawk il-proceduri dejjem jibqa’, minhabba n-natura tar-relazzjoni specjali bejn il-kontraenti, ammont illikwidu sad-data tal-eventwali sentenza. F’tali kaz l-obbligat ma jistax jigi kundannat ihallas imghaxijiet hlief mid-data tas-sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata qed tigi riformata billi filwaqt li qed tigi kkonfermata in kwantu sabet responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta a tenur tal-polza ta’ assikurazzjoni minnha rilaxxata, tirrevoka l-istess sentenza in kwantu kkundannat lill-istess socjeta` li thallas l-imghaxijiet mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assikurazzjoni u cioe` minn Settembru 1996; tirriforma wkoll l-istess sentenza in kwantu ordnat li l-ispejjes kollha tal-kawza jkunu a kariku tas-socjeta` konvenuta billi tordna li l-ispejjes kollha, kemm tal-prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell, ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz mill-attur u zewg terzi mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------